

Kapitlu 1



# Il-Gżira tal-Fkieren



“X’se nagħmlu llum, l-aħwa?” staqsiet Marija.

Tommy, ħuha l-kbir, ma semagħhiex il-mistoqsija. Kien wisq medhi jipprova jolqot il-coconuts bl-iżbandola. Għalhekk, Marija resqet fejn seħibha Willy u qagħdet bilqiegħda maġenbu fuq ir-ramel.

“X’qed taqra?” staqsietu.

“Ktieb dwar il-fkieren kbar. Kont taf li l-fkieren irġiel jistgħu jiżnu aktar minn 300 kilo?”

“Il-Gżira tal-Fkieren ma tantx hi ’l bogħod minn hawn. Tridx immorru s’hemm narawhom?” qaltlu Marija.



“Iva, idea tajba! Jien fuq l-istampi biss rajthom!” weġibha Willy, u reġa’ libes in-nuċċali.

Willy għandu 8 snin. L-istess bħal Marija. Jgħidulu Willy il-Bravu għax jaf ħafna affarijiet minħabba li jaqra ħafna u dejjem b’xi ktieb fuqu.

Marija staqsiet lil ħuha jekk riedx imur magħhom. “Tlaqna, Tommy! Ħa nerfgħu l-ankra u nsalpaw sal-Gżira tal-Fkieren!”

Tommy daħħal l-iżbandola fil-but u telaq jiġri biex jilħaq lil Marija u Willy. Ilkoll iħobbu jmorru fuq il-baħar b'*Id-Dragun l-Iswed*. Xini żgħir ta' veru, bi stiva, pont u kabina tal-kaptan. Anki s-Sur Moody, il-pappagall tan-nannu ta' Tommy u Marija, jieħu gost fuq ix-xini. Qatt ma jitlef iċ-ċans li jmur għal xi avventura mal-pirati ċkejknin tagħna.

"Tellgħu l-qlugħ, l-aħwa!" ordnalhom Tommy minn wara t-tmun tax-xini.

Marija ħarset bl-ikrah lejn ħuha. Tobgħod min jordnalha, speċjalment ħuha li jħobb wisq jikkmanda.

Il-qlugħ ta' *Id-Dragun l-Iswed* intefaħ bir-riħ u x-xini ħareġ bejn sema u ilma. Minn fuq l-arblu tax-

